# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 134/2022**

**GO p.l.c. (C 22334)**

***VERSUS***

**LUCIAN PACE (I.D. 396768M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2022 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u sebgħa mija u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4730.12) rappreżentanti servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 40840104.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-23 ta' Ġunju 2022 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 5).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat permess tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kienet ir-relazzjoni bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenut. JIdher illi l-konvenut kellu kont mas-soċjeta' attriċi bin-numru 40840104 iżda l-konvenut waqaf

iħallas il-kont tiegħu (a fol. 3).

Dan it-Tribunal innota illi l-konvenut kien notifikat iżda l-konveut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ.

Il-kontumaċja

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba b´dan illi jwassal illi l-konvenut hu fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tas-Socjeta´ Attriċi</u>

Fit-talba tagħha, is-socjeta´ attriċi ippreżentat il-ftehim iffirmat bejn is-soċjeta attriċi u l-konvenut (a fol. 4) u liema ftehim beda jiddekorri mit-23 ta' Jannar 2019 għal perjodu ta' sentejn.

Is-soċjeta' attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-kont illi l-konvenut kellu mas-soċjeta attriċi sas-sena 2021 u jidher ċar illi meta l-konvenut ħallas, tali ammont fuq tali kont hu mmarkat 0, b'dan illi jwassal lit-Tribunal jifhem illi s-soċjeta' attriċi ippruvat sal-grad ta' probabbilita' illi l-konvenut hu verament dovut li jħallas tali ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi li għadhu jidher fuq il-kont bħala mhux imħallas (a fol. 3).

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-socjeta´ attriċi għall-ammont ta' erbat elef u sebgħa mija u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4730.12) bl-imgħax li jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konveut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur